**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U ĦAMSIN** **21 TA' FRAR, 2024**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, l-kunsilliera, Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard (on line), is-Sur Kaydem Schembri, s-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **57.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 57.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **57.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 57.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-sitta u ħamsin -il seduta. |
| | | |
| ***57.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 57.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• tawgura lill-Kunsillier Dr Tiffany Ann Attard għat-twelied tat-tarbija tagħha.<br>• Tagħti l-kondoljanzi lill-familja tal-impjegat Simon Mangion għat-telfa ta' missieru u lill-familja tal-Kunsillier Kyle Mifsud għat-telfa tal-kunjata u lill-familja ta' Francesca Camilleri għal mewt ta' kuġin tagħha. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 57.3.2 | | Is-Sindku qalet li waqt diskussjoni informali fejn kien hemm preżenti membri taż-żewġ Soċetajiet, infurmawni li l-Kuntratt li għamel il-Kunsill fuq l-armar li jgħamlu ż-żewġ soċjetajiet għall-attivitajiet tal-Kunsill sar 6 snin ilu. Huma qed jitolbu biex jiġi rivedut u jibdew jitħallsu 2k kull wieħed. Min jieħu x-xogħol tal-armar ta' Bubaqra, jkollu ukoll ix-xogħol tal-arbli ta' Vjal il-Blue Grotto.<br>Kien hemm qbil fuq dan u li terġa issir laqgħa magħhom biex jiġi diskuss kollox.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 57.3.3 | | Is-Sindku qalet li l-attivita tal-karnival kienet suċċess kbir u kellha ħafna tifħir miż-Żrieraq. Festivals Malta taw lill-Kunsill madwar 5K u l-Kunsill Lokali ħallas madwar 1k oħra. |
| | | |
| 57.3.4 | | Il-Kap tal-Iskola tal-Inġinerija flimkien mas-Sindku qablu li ssir *open day* oħra u meta titħabbar id-data, tinforma lill-Kunsill kollu. |
| | | |
| 57.3.5 | | Is-Sindku qalet li peress li Festa Ħut u ċ-ċelebrazzjoni ta' Ġieħ iż-Żurrieq mhux ser isiru minħabba l-elezzjoni, beħsiebha torganizza attivita żgħira fil-Mitħna tax-Xarolla. Din isservi ukoll biex tikkomemora t-300 sena mill-Mitħna.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***57.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 57.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li:<br>• Hemm bzonn li jinqalgħu s-siġar mejta li hemm f'Ħal Millieri u jsiru siġar ġodda u jinqatgħa l-ħaxix ħażin.<br>• Biex jinżabru s-siġar ta' Misraħ Lazzru<br>• Ila ma isir l-attivita' ta' mawra ta' Ġurnata f'Catania. Kien hemm qbil li terġa isir. |
| | | |
| 57.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• Fil-Kunsill m'għandux tabella li ż-Żurrieq ġġemellat ma' Pedara. Kien hemm qbil li tiġi ordnata.<br>• Hemm bzonn jinżebgħu l-aperturi tal-uffiċċju tal-Kunsill u inkellmu lill-Onor. Omar Farrugia fuq il-gallarija tal-uffiċċju biex issir mil-ġdid. |
| | | |
| 57.4.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li:<br>• Hu kien tal-ħsieb li l-proġett ta' Misraħ Repubblika kellu jitressaq fis-seduta, għax wara li saret il-laqgħa mar-residenti ma reġgħetx ġiet diskussa. Kien hemm qbil li titressaq f'seduta oħra.<br>• Il-Kunsill irċieva email minn Studenti universitarji u Din l-Art Ħelwa ser jagħmlu studju fuq il-kappella tal-Annunzjata f' Ħal Millieri u qed jitolbu li sa Ġunju jpoġġu mobile toilet fl-akwata biex jintuża waqt li jkunu preżenti fuq il-post. Kien hemm qbil biex dan il-mobile toilet jitpoġġa fejn ġie immarkat fis-site plan |

| | | |
|---|---|---|
| | | u jiġu avżati li fis-16 ta'Ġunju issir il-festa tal-Imqabba u mill-akwati jinħaraq in-nar.<br><br>F'dan il-ħin daħlu l-Kunsilliera Kyle Mifsud u Kaydem Schembri fis- 18:40. |
| | | |
| 57.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li:<br>• Jissuġġerixxi li ssir sleeping policeman fi Vjal ix-Xarolla hekk kif sar fi Triq Wied Babu. Ma kienx hemm qbil. |
| | | |
| 57.4.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• Fi Triq San Martin dejjem ikun hemm van kbir ipparkjat viċin f'kantuniera. Kien hemm qbil li ġaladarba hu ipparkjat tajjeb ma jista jsir xejn.<br>• Staqsa meta ser isir il-proġett tal-Ħniena. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif jitlesa l-proġett tal-ġnien it-tfal taż-Żurrieq, jibda hu.<br>• Fuq il-ħadid ta' madwar is-Salib fi Triq il-Kbira, ittieħed parir mingħand ċertu ħaddieda u qalulu li peress li m'hemmx waħda fuq xhix tinħadem, irid isir disinn simili u jinħadem fuqu. Is-Sindku ssuġġeriet li titkellem ma' studjużi Żrieraq u titlob parir lilhom.<br>• Ġab petizzjoni ffirmata mir-residenti kollha, biex issir sleeping policeman fi Triq Santu Formosa, fil-ġemb tal-iskola. Kien hemm qbil fuq dan u li jintalab permess minn TM. Dok 1 mehmuż.<br>• Fuq il-proġett tal-Pageant tal-Ġimgħa l-Kbira, ix-xogħol miexi sew u s-Sindku qalet li r-Reġjun Punent ser jgħati 2k għal dan il-Pageant.<br>• Il-car show ser issir fi Vjal il-Blue Grotto minflok tingħalaq Vjal ix-Xarolla. Is-Sindku qalet li jekk issir fis-service road ta' Vjal ix-Xarolla biex ma tostakolax is-servizz tat-trasport pubbliku. Kien hemm qbil li issir laqgħa fuq il-post ma min ser itella l-car show.<br><br>F'dan il-ħin daħlet għas-seduta l-Kunsillier Marisa D'Amato (ħin19:10) |
| | | |
| 57.4.7 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato staqsiet:<br>• jekk hux qed isir enforcement mill-pulizija waqt il-ħinijiet tal-monti, għax fi ġranet oħra li ma jkunx hemm il-monti qed jinqalgħu ċitazzjonijiet. Kien hemm qbil li ġaladarba jkun hemm il-bollards ma jkunx jista jsir parkeġġ ħażin. |
| | | |
| ***57.5*** | | ***PC61/22 – Ser ikunu preżenti l-konsuleti għall-PA tal-Kunsill*** |
| | | |
| 57.5.1 | | Wieħed mill-konsulenti li kien preżenti qal li l-ewwel PC kienet fuq nofs is-sit, issa l-iżviluppatur xtara akwata oħra u s-sit kiber. L-iżviluppatur ta każ il-kummenti tal-Kunsill u irranġa ħafna mill-affarijiet. Akwata mis-sit ser tkun Dar tal-anzjani u lill-Kunsill ser jofrilu parti minnha. Peress li żied l-art, is-Sindku talbet iżjed art lill-Kunsill u dan qabel u iffirma MOU u ser isir konvenju ta' dak imwiegħed. Mal-konvenju hemm it-taxxa li jrid iħallas il-Kunsill – taxxa tal-bollu taxxa tas-sid li qed |

| | | |
|---|---|---|
| | | ibiegħ. Il-Kunsill tkellem man-nutar biex it-taxxa titħallas fuq l-art, u l-konvenju isir fuq l-art biss. Hemm post li jsir 5 sulari bini li l-kunsill jista jużah għall-bżonnijiet tiegħu.<br>Il-Planning Authority talbel lill-Kunsill għall-aħħar opinjoni tiegħu. Kien hemm qbil li l-Kunsill jinsisti fuq li jsir il-Konvenju fejn irid jitħallas 1% taxxa. Tqabbdet nutar miż-Żurrieq li setgħet taqdi lill-Kunsill fi żmien qasir. Ir-rati tan-nutara huma l-istess.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat l-ittra li draftja l-konsulent għall-PA. |
| | | |
| 57.4 | | Fi Triq il-Belt Valletta fejn hemm il-Gym (fuq wara) hemm talba għal sanzjonar ta' binja u b'hekk tkun qed tikkommetti aktar area għal bini. Dan is-sit jiġi għoli daqs il-binja li hemm quddiem fi Triq il-Belt Valletta. Blank party walls l-aktar ħaġa importanti li l-Kunsill joġġezzjona. Il-perit ser jidħol aktar fuq il-każ u jgħamel draft tal-email u jgħaddiha lill-Kunsill biex titmexxa lill-PA. |
| | | |
| ***57.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 57.5.1 | | Tressaq il-financial statment tas-sena 2023 magħmul mill-Accountant tal-Kunsill. Dan ġie diskuss u approvat. |
| | | |
| ***57.6*** | | ***Kwotazzjoni għat-Tisbieħ tal-latrina Pubblika f'Misraħ Mattia Preti*** |
| | | |
| 57.6.1 | | Għall-offerti li ħareġ il-Kunsill ma applika ħadd għalhekk ix-xogħol ser jinxtara minn postijiet differenti biex ma jilħaqx l-ammont ta' 5K. |
| | | |
| ***57.7*** | | ***Bust għat-Tabiba Maria Sciberras*** |
| | | |
| 57.7.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li dan l-item għandu jigi diskuss f'seduta oħra, minħabba għad irid isir appuntament mal-familjari u irridu inkunu nafu stimi tal-artist li ser jaħdem fuq il-bust, perit u permessi.<br><br>Il-Kunsilliera Dino Bonnici u Kyle Mifsud qalu li jiddeploraw il-kliem li qal il-Kunsillier Kenneth Farrugia meta qal li ż-żewġ kunsilliera f'isem il-PN għandhom skop politku biex ma jsirx dan il-monument qabel l-elezzjoni.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li jekk il-familjari ser jindaħlu liema artist jgħażlu, għandhom iħalsu kollox il-familjari. Jekk jgħażel il-Kunsill, iħallas il-Kunsill.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu bzonn 3 stimi qabel jipproċedi.<br>Il-Kunsillier Dino Bonnici ser jitkellem mal-familja biex tkun qablet mal-bust. |
| | | |
| ***57.8*** | | ***Ingaġġ ta' impjegat/a ġdid/a*** |
| | | |
| 57.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-iskrivana Francesca Camilleri fit-23 ta' Jannar, 2024 tat ir-riżenja mix-xogħol tagħha b'effett immedjat. Fl-1 ta' Frar, 2024, l- |

| | | |
|---|---|---|
| | | istess skrivana irtirat ir-riżenja u talbet *'unpaid leave'* għat-tul tal-kuntratt li ser iddum tagħti s-servizz tagħha fis-Segretarjat. Wara dan il-Kunsill irċieva email mis-Segretarjat fejn sejra taħdem din l-impjegata, fejn il-Kunsill ġie mitlub li jgħati l-*unpaid leave* (għat-tul tal-kuntratt tagħha mas-Segretarjat) lill-impjegata biex tibda taħdem mas-segretarjat mill-4 ta' Marzu, 2024.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talba simili kienet ġrat lill-Kunsill f'Lulju 2014, fejn il-Kunsill ma kienx qabel mar-revokazzjoni, s-Segretarju Eżekuttiv ħadet direzzjoni mid-Dipartiment u ġiet infurmata li hi fid-diskrezzjoni tal-kunsill jekk jilqax ir-revokazzjoni tar-riżenja jew le. Is-Segretarju Eżekuttiv issuggeriet li l-Kunsill jaċċetta t-talba tal-*unpaid leave* minn l-aħħar ta' Marzu minħabba li bħalissa fil-Kunsill hawn ħafna xogħol, fosthom l-għoti ta' boroż, attivitajiet ta' Esplora, Car show, Pageant tal-Ġimgħa l-Kbira, kunsill news u awdituri.<br><br>Kien hemm qbil li Francesca Camilleri tieħu dak li talbet. Ser jittieħed 'unpaid leave' għat tul tal-kuntratt tagħha mas-Segretarjat u tibda fil-post il-ġdid mil-4 ta' Marzu, 2024.<br><br>Sadanittant is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hekk kif kellha l-ittra tar-riżenja tal-impjegata, infurmat mill-ewwel lid-DLG, fejn tawha permess toħroġ sejħa interna. Għal din is-sejħa ma applika ħadd u s-SE talbet lill-Jobplus għal lista ta' persuni li għandhom fuq Part 1. Il-lista intbgħatet il-bieraħ, hi għarrfet lil dawk kollha fil-lista, bil-post vakant. Sal-lum daħlu 4 tweġibiet. Kien hemm qbil li l-interviews isiru nhar il-Ħamis 29 ta' Frar, mid-9:00 'l quddiem. |
| | | |
| 57.8.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġeriet li minn l-ewwel ta' Frar, 2024 – l-impjegata Maria Briffa Callus titla fi skala 10 (peress li qed tieħu *hand over* mingħand l-impjegata li ser tirreżenja)<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li l-impjegata Sharon Bartolo waslet biex titla notch ieħor.<br>Kien hemm qbil fuq dan kollu. |
| | | |
| **57.9** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***57.9*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 57.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br><br>• Residenti minn Triq il-Kbira qed joġġezzjonaw fuq li fl-isqaq San Gakbu jistgħu jipparkjaw biss residenti tal-istess sqaq. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li TM kienu qalulna li dawk kollha kontra l-liġi. Kien hemm qbil li jitneħħew it-tabelli 'no parking except for residents'.<br>• Ġie ssġġeriet li jekk ikun hemm triq ġdida tiġi imsemmija għas-Superjura tal-Museum Concetta Grixti li għamlet ġid kbir fil-formazzjoni ta' diversi tfal u żgħażagħ li kienu jattendu l-museum. Twieldet 1896 u mietet 1985 fl-eta ta' 89 sena. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Fir-rigward tal-iskema Restoration Works 2024-2025 – il-Kunsill ġie infurmat li ma jaċċettawx monumenti li m'humiex tal-Kunsill.<br>• L-Għaqda Karmelitana u Banda QV qed titlob permess biex jitħaffru 3 ħofor għall-arbli tal-festa fi Triq PP Saydon, minħabba garage li inbena fl-istess triq. Kien hemm qbil fuq dan u li tali ħofor jiġu użati miż-żewġ soċjetajiet.<br>• Il-Kumitat ismijiet tat-toroq talab lill-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq u Birżebbugia, biex isemmi triq li tinsab bla isem bejn tal-Grazzja garage u r-roundabout ta' fejn il-Laboratorju tal-Paċi. - Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuga qed jissuġġerixxi Triq il-Papa Franisku. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• L-assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed titlob lill-Kunsilli Lokali jidentifikaw postijiet biex l-NGO Żibel flimkien ma' Art2030 joħolqu pitturi kbar fuq il-ħitan li jirrappreżentaw il-bżonn ta' konservazzjoni, biex jindirizzaw it-tniġġiħ tal-baħar u l-art. Kien hemm qbil li tali pitturi jsiru mal-ħitan tal-playground ta' Ġnien il-Ġibjun u li jkunu addattati għal post fejn jattendu t-tfal.<br>• Persuna ser taqla siġra mill-propjeta tagħha u l-ERA obbligatha biex tħawwel 20 siġra indiġina minflok din is-siġra. Din il-persuna qed titlob lill-kunsill jindika post fejn jistgħu jitħawlu. Kien hemm qbil li jingħata tali permess u jitħawlu fejn Garden of Eden.<br>• Resident jixtieq jagħmel party ghat-tfal fi Ġnien il-Ġibjun fit-13 ta' April u qed jitlob permess. Kien hemm qbil li jsir fil-parti t-tonda tal-ġnien u tħallas għall-permess u tinfurmana bil-ħinijiet u li jsir it-tindif wara l-attivita.<br><br>F'dan il-ħin il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta 21:15<br><br>Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti li jitkompla l-proċess tas-seduta għallavolja sa il-ħin, dan sakemm jitlestew il-punti kollha fuq l-aġenda. |
| | | |
| 57.9.2 | | **Premju mara 2023/2024** - Il-Kunsill ġie mistieden jinnomina mara li b'xi mod jew ieħor wettqet differenza f'ħajjiet ħaddieħor u tħalli impatt pożittiv.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet li din il-mara tkun is-Sindku Rita Grima, għax tilħaq il-kriterji kollha li hemm fil-linja gwida. Hi qrat l-applikazzjoni tan-nomina.<br><br>Il-Kunsill ġie mitlub ukoll jibgħat lill-għaqdiet tar-raħal l-istess applikazzjoni biex ikunu jistgħu jinnominaw huma ukoll u din inġiebet fuq il-mezzi soċjali.<br><br>Daħlu dawn in-nominazzjonijiet :<br>• Isabelle Cassar - persuna li għandha tifla bl-awtiżmu u dedikata ħafna għall-familja.<br>• Meagen Saliba - persuna b'diżabilta li iddoqq ma' soċjeta fiż-Żurrieq u hi ta' eżempju għal żgħażagħ oħra – fejn ġiet innominata mis-Sindku Rita Grima.<br><br>Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti li l-Kunsill jgħażel lis-Sindku Rita Grima għal din in-nomina. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| 57.9.3 | | **Ħarġu 5 skemi għall-fondi.**<br>**SPI/SCI/02/2024 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi**<br>Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li l-kunsill japplika għall-proġett ta' Misraħ Santa Marija f'Bubaqra (pjanti lesti mill-Perit)<br><br>**SPI/SCI/05/2024 – Skema Attivitajiet Kulturali annwali u natalizji 2024/2025**<br>Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li l-Kunsill japplika għall-attivitajiet – Karnival, Ġimgħa l-Kbira u Milied.<br><br>**SPI/SCI/ 01/2024 – Servizzi ta' xogħlijiet għal żvilupp ta' community gardens fil-lokalitajiet madwar malta**<br>Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet Ġnien il-Ġibjun – għal kisi u tibjied tal-ħitan. (il-materjal ikun irid jinxara mill-Kunsill)<br><br>**SPI/SCI/03/2024 – Inizjattiva Lokalitajiet aktar nodfa – nefqa ta' 1,500E**<br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia issuġerixxa – clean up<br><br>**SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**<br>**Peress li l-Gvern m'għamilx proġetti fiż-Żurrieq f'dawn l-aħħar snin ma tistax timtela din l-applikazzjoni**<br><br>Kien hemm qbil fuq dan kollu. |
| | | |
| ***57.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 57.10.1 | | Tressqu l-minuti tal-Gal Xlokk numru 145 u tar-Reġjun Punent numru 26. |
| | | |
| ***57.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 57.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala Dok3 għall-ammont totali ta' €132,941.37<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici talab rendikont tal-kont tal-Perit Lewis. Dan għandu jintbagħat email lill-Kunsilliera kollha.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u kunsilliera Marisa D'Amato u mill-Kunsilliera Kenneth Farrugia. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***57.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 57.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:30. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu, 2023, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' MARZU, 2024.

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**